



Kunsill Ewropew

Brussell, 14 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

EUCO 17/18

CO EUR 22
CONCL 7

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (13 u 14 ta' Diċembru 2018) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

1. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma ta' tħejjija intensiva dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur imwettqa matul dan is-sempju u jieħu nota tar-rapport ta' progress mill-Presidenza. Huwa jitlob lill-Presidenza li jmiss biex tkompli dik il-ħidma u tiżviluppa orjentazzjoni għall-istadju li jmiss tan-negozjati, bil-ħsieb li jinkiseb qbil fil-Kunsill Ewropew fil-ħarifa tal-2019.

II. SUQ UNIKU

2. Is-Suq Uniku huwa wieħed mill-kisbiet il-kbar tal-Unjoni li pprovda benefiċċji enormi lill-Ewropej. Huwa r-riżorsa prinċipali tagħna biex niżguraw il-ġid taċ-ċittadini, it-tkabbir inklużiv u l-ħolqien tal-impjiegi, u l-mutur essenzjali għall-investiment u l-kompetittività globali. Ħamsa u għoxrin sena wara, jeħtieġ li nkomplu mexjin bl-aġenda tas-Suq Uniku fid-dimensjonijiet kollha tagħha u li niżviluppaw approċċ li jħares 'il quddiem. Il-Kunsill Ewropew:
 - jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex sa tmiem il-leġislatura attwali jaqblu fuq kemm jista' jkun possibbli mill-proposti pendenti rilevanti għas-Suq Uniku. Huwa importanti wkoll li jitneħħew l-ostakli mhux ġustifikati li fadal, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi, kif ukoll biex jiġi evitat kull ostaklu ġdid u kull riskju ta' frammentazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tkompli bl-analiżi u bil-ħidma tagħha f'dan ir-rigward;
 - jappella għall-implimentazzjoni u l-infurzar, fil-livelli kollha tal-gvern, tad-deċiżjonijiet meħuda u r-regoli adottati, kif ukoll iż-żamma tal-istandards u l-iżgurar tal-applikazzjoni intelliġenti tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, inkluż is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;
 - jişhaq li jeħtieġ isir aktar biex jiżgura li s-Suq Uniku jipprovdi bażi soda għal Unjoni Ewropea b'perspettiva miftuħa, kunfidenti u aktar awtonoma f'ambjent globali mimli sfidi;

- jenfasizza l-ħtieġa li s-Suq Uniku jevolvi biex iħaddan bis-sħiħ it-trasformazzjoni diġitali, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali, il-miġja tal-ekonomija mibnija fuq id-data u s-servizzi, il-konnettività u t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika;
 - jappella għat-tisħiħ tal-koerenza mal-politiki relatati kollha.
3. Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni fil-fond fir-rebbiegħa li ġejja dwar l-iżvilupp futur tas-Suq Uniku u l-politika diġitali Ewropea bi tħejjija għall-Aġenda Strateġika li jmiss.

III. MIGRAZZJONI

4. Il-Kunsill Ewropew indirizza l-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv tiegħu għall-migrazzjoni, li tgħaqqad kontroll aktar effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE, aktar azzjoni esterna u l-aspetti interni, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju u ta' Ottubru 2018.
5. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-għadd ta' każijiet identifikati ta' qsim illegali tal-fruntieri tnaqqas għal-livelli ta' qabel il-kriżi, u li t-tendenza ġenerali 'l isfel qed tkompli. Dan huwa r-riżultat tal-politika tal-migrazzjoni esterna tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, ibbażata, b'mod partikolari, fuq il-kontroll fil-fruntieri esterni, il-ġlieda kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu li ġiet intensifikata f'dawn l-aħħar xhur. Għaldaqstant, din il-politika għandha titkompla, tiġi żviluppata aktar u tiġi implimentata bis-sħiħ. Il-viġilanza fuq ir-rotot kollha eżistenti u emerġenti għandha tinżamm, b'mod partikolari fid-dawl taż-żidiet reċenti fuq ir-Rotot tal-Punent u tal-Lvant tal-Mediterran.
6. Fir-rigward tal-politiki interni, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-koleġislaturi biex jikkonkludu malajr in-negozjati dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG). Huwa jilqa' l-qbil milħuq fil-livell tal-Kunsill fis-6 ta' Diċembru 2018 fir-rigward tat-tisħiħ tal-mandat tal-EBCG fil-qasam tar-ritorn u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Jappella wkoll għal aktar sforzi biex jiġu konklużi n-negozjati dwar id-Direttiva dwar ir-Ritorn, dwar l-Aġenzija għall-Asil u dwar il-partijiet kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, b'rispett lejn il-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u b'kont meħud tal-grad differenti ta' progress f'kull wieħed minn dawn il-fajls.

IV. **PUNTI OĦRA**

Relazzjonijiet esterni

7. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta t-tnejn għas-summit li jmiss mal-Lega tal-Istati Għarab fl-24 u l-25 ta' Frar 2019.
8. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tfassib kbir tiegħu rigward l-eskalazzjoni fl-Istretti ta' Kerch u l-Baħar ta' Azov u l-ksur tad-dritt internazzjonali mir-Russja. Huwa jerġa' jikkonferma l-impenn tiegħu għad-dritt internazzjonali, is-sovranià, l-integrità territorjali u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-politika tal-UE tan-nonrikoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea. M'hemm ebda ġustifikazzjoni għall-użu tal-forza militari mir-Russja. Il-Kunsill Ewropew jitlob il-ħelsien immedjat tal-baħrin Ukreni kollha miżmuma kif ukoll ir-ritorn tal-bastimenti maħtufa u l-passaġġ ħieles għall-vapuri kollha mill-Istretti ta' Kerch. L-UE tinsab lesta biex tadotta miżuri biex issaħħaħ aktar l-appoġġ tagħha, b'mod partikolari favur iż-żoni affettwati tal-Ukrajna.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-vot pożittiv fil-Parlament Ewropew dwar il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun u jistenna b'interess id-dħul fis-seħħ imminenti tiegħu.

It-tibdil fil-klima

10. B'segwitu għall-preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd" u b'kont meħud tal-eżitu tal-COP24 f'Katowice, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex jaħdem fuq l-elementi msemmijin fil-Komunikazzjoni. Fl-ewwel semestru tal-2019 il-Kunsill Ewropew ser jipprovdi gwida dwar id-direzzjoni ġenerali u dwar il-prijoritajiet politiċi, sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tippreżenta strateġija fit-tul sal-2020 f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

Sigurtà u Difiża

11. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress sinifikanti li sar fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, fit-titjib tal-mobilità militari, fl-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża u fin-negozjati dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża propost. Huwa japprova l-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. Dawn l-inizjattivi jikkontribwixxu għat-titjib tal-awtonomija strateġika tal-UE u l-kapaċità tagħha li tagħxi bħala fornitur tas-sigurtà, filwaqt li jikkomplementaw u jirrinforzaw l-attivitajiet tan-NATO u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Id-diżinformazzjoni

12. It-tixrid ta' diżinformazzjoni b'mod intenzjonat, sistematiku u fuq skala kbira, inkluż bħala parti mill-gwerra ibrida, huwa sfida serja u strateġika għas-sistemi demokratiċi tagħna. Dan jirrikjedi reazzjoni urġenti li teħtieġ li tkun sostnuta tul iż-żmien, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali. Il-Kunsill Ewropew:
- jenfasizza l-ħtieġa għal reazzjoni determinata, li tindirizza d-dimensjonijiet interni u esterni u li tkun komprensiva, koordinata u li jkollha riżorsi suffiċjenti abbażi ta' valutazzjoni tat-theddid;
 - jappella għall-implimentazzjoni fil-pront u koordinata tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar id-Diżinformazzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli sabiex jissudaw il-kapaċitajiet tal-UE, jissaħħu r-reazzjonijiet koordinati u konġunti bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, jiġi mobilizzat is-settur privat u titqawwa r-reżiljenza tas-soċjetà għad-diżinformazzjoni;
 - jappella għal azzjoni rapida u deċiżiva kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali li tiżgura elezzjonijiet Ewropej u nazzjonali ħielsa u ġusti.
13. Il-Kunsill huwa mistieden ikompli l-ħidma fuq din il-kwistjoni u jirrapporta lura lill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2019.

Il-ġlieda kontra r-rażziżmu u l-ksenofobija

14. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-forom kollha ta' antisemitiżmu, razziżmu u ksenofobija, u jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-intolleranza. Huwa jilqa' l-adozzjoni fis-6 ta' Diċembru 2018 tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu.

Djalogi maċ-Ċittadini u Konsultazzjonijiet maċ-Ċittadini u Tħejjijiet għall-Aġenda Strateġika

15. Il-Kunsill Ewropew jilqa' ż-żamma ta' Djalogi maċ-Ċittadini u Konsultazzjonijiet maċ-Ċittadini, li kienu opportunità bla preċedent ta' kuntatt maċ-ċittadini Ewropej u li jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għal aktar konsultazzjonijiet u djalogi. Ir-rapport konġunt imħejji mill-Presidenza attwali u minn dik li jmiss, flimkien mar-rapporti nazzjonali differenti u l-kontribut mill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn, jidentifikaw għadd ta' elementi ta' tħassib u aspettattivi min-naħa taċ-ċittadini parteċipanti f'termini ta' riżultati konkreti mill-UE. Fil-laqgħa informali tagħhom f'Sibiu fid-9 ta' Mejju 2019, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ser jiddiskutu l-prijoritajiet għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss, bil-ħsieb li jaqblu dwar l-Aġenda Strateġika li jmiss f'Ġunju 2019.
-